MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2007

Numru 102/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Richard Flattley**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Richard Flattley, 55 sena, iben James u Rita nee' Buttigieg, imwieled San Giljan fil-11 ta' April, 1951 u li joqghod Kaya Lodge, Triq il-Wassliet, Swieqi, detentur ta' karta ta' l-identita' nru. 328251M gie akkuzat talli, f'dawn il-Gzejjer, matul ix-xhur ta' Ottubru u Novembru tas-sena 2005, u cioe' fl-20 ta' Ottubru, 2005, ghall-habta tas-1.45p.m., gewwa l-

istabbiliment Max Diner fi Triq Manuel Magri, Hamrun; fl-24 ta’ Ottubru, 2005, ghall-habta tal-5p.m., gewwa l-hanut Cosas fi Triq San Pawl, Naxxar; fis-26 ta’ Ottubru, 2005, ghall-habta tad-9a.m., gewwa l-hanut B4 Textiles fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta u fit-12 ta’ Novembru, 2005, ghall-habta tas-2.30p.m., gewwa l-Christmas Shop fi Triq il-Wied, Birkirkara, b’diversi atti maghmulin minnu , ukoll jekk fi zmenijiet differenti, w li jiksru l-istess disposizzjonjiet tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. iffalsifika ceduli, poloz, ordnijiet, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern;
2. xjentement ghamel uzu minn ceduli, poloz, ordnijiet jew dokumenti ohra falsifikati;
3. b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ iktar minn elf lira Maltin bi hsara ta’ diversi persuni w/jew socjetajiet;
4. ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku w pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
5. xjentement, ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;
6. iktar, talli fl-istess dati, hinijiet, postijiet u cirkostanzi, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk

dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li kien, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u
7. Finalment, akkuzat ukoll talli sar ricediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok JM2 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat irritorna r-rifurtiva li kienet ghadha fil-pussess tieghu lill-Pulizija sabiex tinghata lura lill-proprjetarji.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 334, 183, 184, 188, 189, 308, 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Richard Flattley fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha l-wahda l-fatt li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-seduta tallum li l-imputat irritorna r-rifurtiva li kienet ghadha fil-pussess tieghu lill-Pulizija sabiex tinghata lura lill-proprjetarji u minn naha l-ohra l-fedina penali xejn felici tal-imputat,

tikkundanna lill-imputat Richard Flattley ghall-piena komplessiva ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija.

Inoltre l-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputat Richard Flattley ihallas minnufih lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ mija u hamsa u sebghin Liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmi (Lm175.29) rappresentanti l-ispejjez inkorsi rigward l-inkarigu tal-esperti nominati fl-Inkjesta li Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta’ din il-kawza bhala Dok. RB1.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------